**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 126/04**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Jeffrey Zammit**
**(ID 396771(M))**

**Illum, 20 ta' Marzu 2017**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Jeffrey Zammit, ta' 28 sena, imwieled il-Pieta` fil-31 ta' Awwissu 1971, iben Angelo nee` Lia, residenti 41, Sqaq Lajri, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 396771(M);

a) Akkuzat talli fit-13 ta' Ottubru 2002 forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma

kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regola 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu, skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess data, hin, zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lil din il-Qorti kif presjeduta, milli terga' tisma l-provi mressqa f'din il-kawza sa dakinhar.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Jirrizulta mix-xhieda ta' **PS 1086 Johann Micallef**[1], illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tat-7.45 p.m., waqt li kienu qeghdin *patrol* gewwa l-Gzira, il-kollegi tieghu u hu nnutaw zewg persuni jaghmlu kuntatt ma' xulxin. Skont ix-xhud, huwa pprova jwaqqaf lil Jeffrey Zammit ossia lill-imputat u meta mar biex jipprova jfittixlu, dan gholla jdejh u rema xi haga u ftit 'il fuq minnu sabu Lm 30 fi flus kontanti. Fuq il-persuna tal-imputat, instabet bicca raza u minn tfittxija li saret fil-vettura tieghu, taht il-kompartiment tal-*horn*, instabet bicca raza ohra. Minn hemmhekk, l-imputat ittiehed ghal investigazzjoni ulterjuri gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. **PC 10 Trevor Cassar Mallia** jghid[2] dwar dan illi huma nnutaw lill-imputat f'vettura u li kien hemm persuna ohra, certu Joseph Scicluna, hdejn din il-vettura. Jghid illi x'hin Joseph Scicluna inqala' minn mal-vettura, gie imwaqqaf u ghamlu tfittxija fuqu, waqt liema tfittxija nstabu xi bicciet tar-raza u zewg pakketti suspettati li kienu jikkontjenu l-kokaina. Ix-xhud jghid ukoll illi x'hin mar fuqu PS 1086, prova jahrab u rema xi haga – a bazi ta' dak li jghid PS 1086, jidher car illi hawnhekk dan ix-xhud kien qed jirreferi ghall-imputat odjern. Fil-fatt ikompli jghid illi fil-vettura tieghu nstabet xi raza u nstabu xi flus mal-art.

Il-Prosekuzzjoni esebiet formalment id-droga, allegatament raza tal-*cannabis* fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005.[3] Fl-istess seduta talbet ukoll illi l-esebit fil-kawza 'Il-Pulizija vs Joseph Scicluna' jigi esebit f'din il-kawza, liema talba giet milqugha mill-Qorti. Sussegwentement, fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2006, gie ipprezentat dan l-esebit immarkat bhala S/B/124/05 u fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2007, inhatar l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud sabiex jezamina l-istess. Fis-seduta tal-14 ta' Settembru 2009, imbaghad, l-Ispettur Johann J. Fenech ghall-Prosekuzzjoni esebixxa Dok. JJF, konsistenti fost ohrajn f'sustanza allegatament droga u li skont ix-xhieda tieghu, kienet id-droga li nstabet minn PS 1086 u WPS 45 fil-vettura tal-imputat odjern.[4] Fl-istess seduta, fuq talba tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti hatret lill-Ispizjar Mario Mifsud sabiex janalizza din is-sustanza.

L-Ispizjar Mario Mifsud ipprezenta r-relazzjoni tieghu fit-18 ta' April 2011.[5] Fir-relazzjoni tieghu, l-istess espert jirreferi ghan-nomina tieghu nhar is-7 ta' Mejju 2007 u jindika wkoll illi huwa gie moghti zewg dokumenti ghall-analizi fil-11 ta'

---

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 19 u 20 tal-process.
[2] Ara x-xhieda tieghu a fol. 21 u 22 tal-process.
[3] Ara l-verbal ta' din is-seduta u x-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara, a fol. 15 sa 16 tal-process.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech, a fol. 48 tal-process.
[5] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 62 tal-process.

Lulju 2008 (u ghalhekk qabel it-tieni hatra tieghu f'dan il-kaz). Jirrizulta car illi l-analizi saret fuq is-sustanzi misjuba fil-pussess ta' Joseph Scicluna u mhux dawk li nstabu fil-pussess tal-imputat odjern. Fil-fatt skont l-istess relazzjoni, l-espert analizza s-segwenti dokumenti u cioe`:

1. Borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 13/10/02, Hin 19.45, Elevat/i minn gewwa l-kartiera, fil-presenza ta' Joseph Scicluna, minn PS 1086, PC 10." F'din il-borza kien hemm bicca zghira hafna ta' sustanza kannella.

2. Borza tal-plastik trasparenti li go fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem "Data 13/10/02, Hin 19.45, Elevat/i minn fil-but tal-jeans, fil-prezenza ta' Joseph Scicluna, minn PC 10". F'din il-borza kien hemm blokka zghira ta' sustanza kannella u speci ta' borza zghira b'sustanza kannella go fiha.

L-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Li s-sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 218/08/01 u l-blokka zghira ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 218/08/02, f'ammont nett totali ta' 1.91 grammi, instabu li kienu raza tal-*cannabis*. Il-medja tal-purita` ta' dawn ir-raza ghas-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kienet ta' cirka 2.1%.

b) Li fis-sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 218/08/02, f'ammont nett totali ta' 0.08 grammi, <u>instabu fiha tracci tas-sustanza kokajina</u> (sottolinear tal-Qorti).

Fix-xhieda tieghu, in kontro-ezami, meta ssuggerit lilu illi bil-kelma 'tracci', huwa jfisser illi tant kien ammont zghir illi ma jkunx possibbli li jasal ghall-piz tieghu, l-espert ikkonferma dan.[6]

Fis-seduta tas-6 ta' Dicembru 2005, gie esebit process verbal dwar xhieda ta' Joseph Scicluna.[7] Mill-istess process verbal jirrizulta illi Joseph Scicluna irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar l-14 ta' Ottubru 2002 fil-11.10 a.m., liema stqarrija huwa kkonfermaha bil-gurament fl-istess jum quddiem il-Magistrat Inkwirenti ai termini tal-Artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. L-istess Joseph Scicluna xehed f'dawn il-proceduri fis-seduta tat-3 ta' April 2009.[8]

---

[6] Ara x-xhieda tal-Ispizjar Mario Mifsud a fol. 60 u 61 tal-process.
[7] Dan jinsab esebit a fol. 14 tal-process.
[8] Ara x-xhieda tieghu a fol. 42 sa 46 tal-process.

Da parti tieghu, l-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fl-14 ta' Ottubru 2002 fil-5.30 p.m., wara li nghata s-solita twissija skont il-ligi u ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri.[9] Xehdet ukoll Diane Lebrun li kienet fil-kumpanija tal-imputat odjern dakinhar li huwa gie imwaqqaf mill-pulizija.[10]

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Permezz <u>tal-ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura d-droga kokaina u dan fit-13 ta' Ottubru 2002.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-waqt illi Joseph Scicluna jghid illi huwa akkwista l-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu fil-jum in kwistjoni minghand l-imputat odjern bil-prezz ta' Lm30, mill-banda l-ohra, fix-xhieda tieghu, l-imputat jinnega illi dan kien minnu u jghid illi effettivament huwa kien ser jakkwista l-kokaina minghand Scicluna u li fil-jum in kwistjoni kien iltaqa' mieghu proprju ghal dan il-ghan, izda finalment ma xtarax din id-droga ghaliex Scicluna talbu Lm40, mentri huwa ried ihallas biss Lm30. Jghid ukoll illi huwa kien xtara d-droga kokaina minghand Scicluna diversi drabi.

Illi kollox jiddependi ghalhekk fuq il-kwistjoni tal-kredibilita` li ghandha tinghata mill-banda l-wahda, lix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni, Joseph Scicluna, li jghid illi fil-jum in kwistjoni, huwa kien xtara l-kokaina minghand l-imputat u mill-banda l-ohra, il-kredibilita` li ghandha tinghata lill-imputat li jghid illi kien Scicluna li kien iforni lilu bil-kokaina.

Skond l-Artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. L-Artikolu 637 imbaghad jiddisponi illi f'kwistjonijiet li jolqtu l-kredibilita` ta' xhud, ghandu jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa, jekk hix konsistenti u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, jekk dik ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Gie imbaghad ritenut illi mhux kull kunflitt fil-provi jwassal necessarjament ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata, imma l-gudikant irid jara lil min ser jemmen u f'hiex ser jemmnu u ma jemmnux, tenut kont tal-kriterji kontenuti fl-Artikolu 637 appena imsemmija

[9] Din ix-xhieda tinsab a fol. 84 sa 96 tal-process.
[10] Ara din ix-xhieda a fol. 97 sa 102 tal-process.

(Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**, deciza fid-9 ta' Lulju 2003).

In oltre skond l-Artikolu 30 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza, ix-xhieda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Imbaghad skond l-Artikolu 30A tal-Kap. 101, minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-istqarrija guramentata u x-xhieda moghtija minn Joseph Scicluna. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota illi *a tempo vergine* Scicluna mill-ewwel indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li fornietu bid-droga kokaina li nstabet fil-pussess tieghu u rega' kkonferma dan kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess jum, kif ukoll fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri. Tinnota wkoll illi quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-istess Scicluna rega' qal dak li kien stqarr mal-pulizija fuq diversi domandi maghmula mill-istess Magistrat Inkwirenti u kien wara dan illi inqratlu l-istqarrija tieghu u huwa kkonfermaha bil-gurament. F'dawn il-proceduri, imbaghad, ghalkemm huwa minnu li minkejja li kien notifikat sabiex jidher il-Qorti biex jaghti x-xhieda tieghu, huwa naqas milli jaghmel dan diversi drabi, biss fix-xhieda tieghu ma kien reticenti xejn u rega' kkonferma dak li kien stqarr originarjament. Il-verzjoni moghtija minnu baqghet dejjem wahda konsistenti. Fl-istqarrija tieghu, kif ikkonfermata minnu bil-gurament, l-istess Scicluna jghid illi din kienet it-tieni darba li huwa akkwista l-kokaina minghand l-imputat, li l-ewwel darba kien hallas ghaliha Lm20 u li fil-jum ta' qabel ghal nofs gramma, l-imputat kien talbu Lm30. Jghid ukoll illi meta gew il-Pulizija, huwa kien ghadu kif hallas lill-imputat. Huwa jghid minn fejn kien xtara l-*cannabis* li kienet instabet fil-pussess tieghu u jghid ukoll meta kien xtraha. Ix-xhud jispjega illi huwa sar jaf bl-imputat ghaliex terza persuna kienet taghtu n-numru tieghu, li huwa kien icempillu fuq dan in-numru u dakinhar wara li cempillu, kienu fthemu li jiltaqghu l-Gzira sabiex l-imputat jaqdih. F'dan, il-Qorti ma ssib xejn li m'huwiex kredibbli jew inverosimili. Il-Qorti tinnota wkoll illi in kontro-ezami, lix-xhud qajla sarulu domandi mid-difiza u li bl-ebda mod ma gie allegat jew issuggerit lilu

illi fil-fatt kien huwa li kien iforni l-kokaina lill-imputat odjern, kif qed jallega l-istess imputat.

Jirrizulta mix-xhieda prodotta, illi fil-waqt illi d-droga kokaina nstabet fil-pussess tax-xhud Scicluna, l-imputat kellu f'idejh Lm30, hekk kif huwa gie mwaqqaf mill-pulizija. Effettivament, PS 1086 jghid illi l-imputat prova jahrab u fil-hin li huwa mar sabiex iwaqqfu, dan gholla jdejh u rema xi haga, li wara rrizultaw li kienu dawn il-flus ossia s-somma ta' Lm30. Fil-waqt illi Scicluna jghid illi huwa kien ghadu kif hallas is-somma ta' Lm30 lill-imputat, da parti tieghu l-imputat jghid illi b'dawn it-Lm30 huwa kien bihsiebu jixtri l-kokaina minghand Scicluna. Skont hu, madankollu, din id-droga baqghet fil-pussess ta' Scicluna ghaliex dan tal-ahhar talbu Lm40, mentri huwa ried ihallas biss Lm30. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis illi mill-fatti li jemergu mill-provi, huwa possibbli kemm ix-xenarju deskritt mix-xhud, kif ukoll dak deskritt mill-imputat. Biss mill-banda l-ohra, il-Qorti qajla tifhem ghaliex l-imputat kellu jarmi l-flus li kellu f'idu, la darba skont hu, huwa kien ser jakkwista d-droga izda dan baqa' m'ghamlux, anke jekk seta' inhasad bl-intervent tal-pulizija f'dak il-mument.

Apparti li l-Qorti tqis ix-xhieda ta' Scicluna bhala konsistenti u ben kredibbli, mill-banda l-ohra, tqis ukoll illi l-imputat odjern ma kien kredibbli xejn fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, apparti li f'partijiet, ix-xhieda tieghu hija wkoll konfliggenti u m'hijiex verosimili. L-imputat jghid illi dakinhar huwa kien iltaqa' ma' Scicluna biex dan jaqdih, illi huwa kien ilu jixtri l-kokaina minghandu ghal diversi xhur, li kien inqeda minghandu diversi drabi u anke li Scicluna kellu kokaina tajba. Biss il-Qorti tinnota illi l-kokaina misjuba fil-pussess ta' Scicluna kienet altru milli tajba ghaliex mir-relazzjoni tal-espert, jirrizulta illi nstabu biss tracci ta' kokaina fit-trab misjub fil-pussess tieghu, tant illi l-espert lanqas indika l-purita` ta' dan it-trab ghall-kokaina fir-relazzjoni tieghu. Hawnhekk il-Qorti tinnota illi ghalkemm in kontro-ezami, l-espert ikkonferma li tant l-ammont kien zghir li ma kienx possibbli li jindika l-piz, effettivament il-piz tat-trab gie indikat u dak li ma giex indikat kien proprju l-purita` minhabba li nstabu biss tracci tal-kokaina. Anke l-fatt illi t-trab kien ta' lewn kannella u mhux abjad kif solitament tkun il-kokaina, jindika wkoll illi dan it-trab kien imhallat sew. Ghalhekk dwar dan, diga` l-imputat mhuwiex kredibbli. Fit-tieni lok, l-imputat jghid illi minghand Scicluna huwa kien jixtri gramma jew tnejn kokaina kull meta jkollu l-flus. Biss anke hawn l-imputat ifalli, ghaliex effettivament it-trab misjub fil-pussess ta' Scicluna kellu piz zghir ta' 0.08 grammi u ghalhekk ghalkemm huwa jsostni li dakinhar Scicluna talbu Lm40 ta' gramma, lanqas f'dan ma huwa korroborat mill-provi prodotti. F'dan huwa certament izjed korroborat Scicluna li jghid li mar jixtri nofs gramma minghand l-imputat (li skont hu kien biss fornih it-tieni darba

bid-droga), milli huwa korroborat l-imputat li jghid illi kien jinqeda bi gramma jew zewg grammi minghand Scicluna u li ghamel dan diversi drabi. In oltre l-imputat jghid ukoll illi huwa kien jixtri l-kokaina minghand Scicluna kull meta jkollu l-flus, imbaghad jispecifika wkoll '*meta naqbad il-paga*'. Biss l-imputat fl-istess waqt isostni illi dakinhar huwa kellu Lm30 fuqu – bl-ezatt biex ihallas ghall-kokaina - tant illi kellu jitlob Lm10 lit-tfajla biex wara jkunu jistghu jmorru jiehdu kafe` minn Tas-Sliema. Mhux biss, izda l-Qorti lanqas ma tqis verosimili l-verzjoni tal-imputat u ta' Diane Lebrun illi huwa talabha Lm10 proprju qabel mar biex jakkwista d-droga. Fil-fatt il-Qorti ma tqisx din il-verzjoni, hlief tentattiv sabiex l-imputat jipprova jiggustifika dak li jghid hu ossia illi huwa mar biex jakkwista d-droga u mhux biex ibieghha u dan billi jghid illi mhux talli ma dahhalx Lm30 mill-bejgh tad-droga lil Scicluna, talli huwa kellu jitlob Lm10 minghand it-tfajla sabiex ikollu bizzejjed flus biex jixtri d-droga u anke jmur jiehu kafe` maghha. Dwar dan il-Qorti tinnota wkoll illi fix-xhieda taghha Lebrun tghid illi l-imputat talabha Lm10 meta kienu weqfin bil-karozza u tkompli "*U hareg il-flus u nizel mill-karozza*"[11]. Tghid li x'hin l-imputat nizel mill-karozza, rat wiehed gej, li ma kinitx taf min hu. Mela sa hawn, il-Qorti tifhem illi l-imputat hareg mill-vettura bil-flus f'idejh. Madankollu, mument wara u b'referenza ghal dak li rat wara li diga` kienet lemhet lit-terza persuna gejja u ghalhekk wara li l-imputat diga` kien nizel mill-vettura, hija tghid hekk "*... u jien rajt lil Jeffrey johrog il-flus mill-but. Kif rajt lil Jeffrey johrog il-flus mill-but, f'daqqa u l-hin hassejt xi hadd ihabbat mat-tieqa, inhsadt, rajt dawl ta' karozza u konfuzjoni shiha u s'hemm naf*"[12] u dan b'referenza ghall-wasla tal-pulizija. Ghalkemm fil-fatt jirrizulta mill-provi prodotti illi l-imputat verament kellu b'kollox Lm40 fil-pussess tieghu, il-Qorti tqis illi anke l-verzjoni ta' Lebrun hija kunfliggenti u dan fis-sens illi l-ewwel tghid illi rat lill-imputat johrog il-flus hekk kif kien ghadu fil-vettura u qabel nizel minnha u wara tghid illi rat lill-imputat johrog il-flus mill-but, b'referenza ghall-mument li fih, skont hi, huwa diga` kien nizel mill-vettura. Issa ghalkemm PC 10 jghid illi huwa ra lill-imputat fil-vettura u li huma marru fuq Scicluna x'hin rawh jinqala' minn mal-vettura, biss li l-imputat f'xi hin kien barra mill-vettura huwa evidenti mill-mod kif PS 1086 jghid illi l-imputat prova jahrab, li gholla jdejh u rema xi haga u li izjed 'il fuq minnu sabu s-somma ta' Lm30. Ma jaghmilx sens dak li qal PS 1086 li kieku l-imputat baqa' dejjem fil-vettura.

Mhux biss, il-Qorti tqis ukoll illi fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat jghid illi dak il-hin li kien qed jistenna lil Scicluna huwa kien qieghed flimkien mat-tfajla u mat-tifel taghha ghaliex kienu sejrin Ta' Sliema. Izjed qabel fix-

[11] A fol. 98 tal-process.
[12] A fol. 99 tal-process.

xhieda tieghu, l-imputat jghid ukoll hekk testwalment: "*Ridt ninqeda. Ghidt issa ninqeda, noqghod naghmel zewg lines u noqghodu niehdu kafe u jkolli l-Lm10 biex inhallas il-kafe u niehdu xi haga.*"[13] Il-Qorti tqis illi lanqas din il-parti tax-xhieda tal-imputat ma hija kredibbli. L-imputat irid jaghti l-impressjoni li l-hsieb tieghu kien li jiehu zewg linji u fl-istess waqt jiehu kafe` u jiekol xi haga fil-kumpanija mhux biss tat-tfajla, izda ta' binha wkoll! Dan apparti li l-Qorti tqis ukoll illi l-effetti tal-kokaina, min-naha l-wahda, u min-naha l-ohra, l-atmosfera li fiha wiehed jiehu kafe` u xi haga zghira tal-ikel gewwa Tas-Sliema, certament li m'humiex kompatibbli.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi kuntrarjament ghax-xhud Scicluna, l-imputat ma kien kredibbli xejn fix-xhieda tieghu u ghaldaqstant, hija moralment konvinta illi l-verita` tinsab fil-verzjoni ta' Scicluna u mhux fil-verzjoni tal-imputat u *del resto* lanqas dik ta' Lebrun.

Il-Qorti hawnhekk qed taghmilha cara illi ghalkemm fl-atti giet esebita l-istqarrija tal-imputat, mehuda fiz-zmien meta l-ligi ma kinitx taghti jedd lill-persuna arrestata li tottjeni parir legali qabel l-interrogatorju taghha, il-Qorti ma qieset bl-ebda mod din l-istqarrija sabiex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha dwar il-htija tal-imputat, kif fil-fatt jirrizulta mill-kunsiderazzjonijiet taghha izjed 'il fuq. Dan minkejja wkoll li saret referenza ghall-istess stqarrija lill-imputat waqt ix-xhieda tieghu u li f'din ix-xhieda huwa kkonferma partijiet minn din l-istqarrija. Dak li jghid l-imputat f'din il-parti tax-xhieda tieghu, ma jibdel u ma jnaqqas xejn, fil-fehma tal-Qorti, mill-kunsiderazzjonjiet li ghamlet izjed 'il fuq dwar il-htija tal-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-tieni imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess tad-droga kokaina. La darba gie ppruvat, illi fl-istess jum, l-imputat forna lil Scicluna bid-droga kokaina, isegwi illi huwa kellu fil-pussess tieghu l-istess droga u ghaldaqstant, qed jinstab hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, l-imputat gie akkuzat ukoll bir-reat ta' pussess tar-raza tal-pjanta *cannabis* u dan b'referenza wkoll ghall-jum tat-13 ta' Ottubru 2002. Kif inghad izjed 'il fuq, is-sustanza misjuba fil-vettura u fuq il-persuna tal-imputat baqghet ma gietx analizzata mill-espert forensiku, li analizza biss is-sustanza

[13] A fol. 87 tal-process.

misjuba fuq ix-xhud Joseph Scicluna. In oltre l-istqarrija tal-imputat m'hijiex ammissibbli bhala prova stante li, kif diga` inghad, din giet rilaxxjata minnu fiz-zmien meta huwa ma kellux il-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogatorju tieghu u dan fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali u mill-Qorti tal-Appell Kriminali kemm f'sede Inferjuri kif ukoll f'sede Superjuri, wara s-sentenza tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta** tat-12 ta' Jannar 2016. Il-Qorti tinnota wkoll illi ghalkemm fix-xhieda tieghu, saret referenza lill-imputat ghall-istqarrija rilaxxjata minnu u huwa kkonferma partijiet minn din l-istqarrija, tqis illi m'ghandhiex tiehu kont ta' din il-parti tax-xhieda tieghu u dan ghall-istess raguni li mhijiex qed tiehu kont tal-istess stqarrija. Tqis ukoll fi kwalunkwe kaz illi f'din il-parti tax-xhieda tieghu, l-imputat izjed kien qed iwiegeb fil-kuntest tal-ewwel imputazzjoni u meta jerga' jikkonferma li qal il-verita`, dan ghamlu wara li saritlu referenza specifika ghall-kwistjoni dwar ghalfejn kien qieghed il-Gzira, ukoll relatata mal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet. Altrimenti mkien fix-xhieda tieghu, l-imputat ma jsemmi r-raza tal-*cannabis*. Fic-cirkostanzi u tenut kont ta' dan kollu, u in oltre la darba s-sustanza misjuba fil-pussess tieghu ma gietx analizzata, ma tqisx illi din l-imputazzjoni giet sodisfacement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

## Kunsiderazzjonijiet dwar Piena

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, il-Qorti tqis fl-ewwel lok, illi s-sustanza in kwistjoni kienet ta' ammont zghir ta' 0.08 grammi u li l-istess sustanza, kienet tikkontjeni biss tracci ta' kokaina. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat.

Tqis ukoll illi din il-kawza tirrisali ghas-sena 2002. Biss ghalkemm il-kawza bdiet tinstema' fis-sena 2005 u l-ahhar xhud tal-Prosekuzzjoni nstema' f'April 2011 – diga` dan fih inniffsu zmien twil hafna - imbaghad il-bqija tad-dewmien kien dovut unikament ghall-imputat jew inkella ghad-difiza, sabiex wara hafna dilungar, finalment id-difiza ghamlet it-trattazzjoni finali taghha f'Lulju 2016.

Qed tqis ukoll ghal fini ta' piena, illi r-reat mertu tat-tieni imputazzjoni serva bhala mezz ghal fini ghar-reat fl-ewwel imputazzjoni ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant, il-Qorti qeghda timponi piena biss fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni. Tqis ukoll illi tenut kont b'mod partikolari dak li nghad dwar l-ammont u l-purita' tat-trab ghad-droga kokaina, ghandha tinghata piena fil-minimu taghha.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 8 (illum ir-Regolament 9) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (c) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u tikkundannah ghall-piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' sitt mija u hamsin Euro (€650).

Tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita fl-atti hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante li ma saritx talba mill-Prosekuzzjoni ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, kif kien jirrikjedi l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 fiz-zmien tal-kaz odjern, il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' tali spejjez.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 u tal-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101, tordna l-konfiska tas-somma ta' tletin Lira Maltin (Lm30), formanti parti minn Dokument JJF, favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt illi tordna r-rilaxx favur il-hati tas-somma ta' ghaxar Liri Maltin (Lm10) u tal-*mobile phone* ukoll formanti parti mill-istess Dokument JJF.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat